Fit-Tribunal Industrijali

Fil-kwistjoni tax-xoghol numru 2313 bejn Alistair Busuttil u Dragonara Casino Limited dwar trattament ta' kaz diskriminatorju.

Decizjoni Numru

Illum,      ta' Ottubru, 06.

Chairman: Dr Joseph P. Bonnici

**Fatti**

Illi b'dikjarazzjoni prezentata quddiem dan it-Tribunal fis-6 ta' Settembru 2005, il-konvenut Alistair Busuttil iddikjara li huwa kien impjegat fuq bazi ta' full time mas-socjeta intimata b'kuntratt definit u l-kuntratt tieghu gie mgedded ghal darbtejn u umbaghad gie rivedut ghal part time. Meta dan il-kuntratt spicca, l-kumpanija ma rrinovatx l-istess kuntratt u tterminatlu l-impjieg.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-fatti gew spjegati minn Michael David Gray, General Manager tad-Dragonara Casino moghtija fis-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2006. Dawn ma gewx kontestati fis-sens illi, huwa ta' l-okkorrenza tal-fatti x'kien gara fuq il-post tax-xoghol u l-mizuri li kellhom jittiehdu ghar ristrutturar u riorganizzazjoni tal-work force ta' l-istess kumpanija. Una volta li l-kuntratt tax-xoghol li kellhu r-rikorrent fuq kuntratt definit, hekk kif jispicca sta ghal principal tieghu li jaghtih kuntratt gdid. Fil-kaz tieghu beda fuq bazi full time umbaghad inghata xoghol a bazi part time. Wara certu perjodu ma giex offert lilhu lanqas dan il-part time. Kuntratt ta' xoghol ghal perjodu definit ma jinvolvi l-ebda dritt favur l-impjegat illi meta jispicca t-terminu tieghu l-principal irid jerga jimpjegah mill-gdid. Ghalhekk huwa spjegat bhala definit u cioe cirkoskritt bil-perjodu tax-xoghol. Una volta illi, jaghmel l-ghazla tieghu skond il-ligi li ma jergghax igedded l-kuntratt tax-xoghol ma jfissirx illi l-impjegat ikun gie diskriminat u mhux biss ghax ma nghatax ix-xoghol lilhu izda tigi mpjegata terza persuna.

Mill-kuntratt definit tax-xoghol ma hemm l-ebda dritt naxxenti favur l-impjegat anka mill-ligi stess illi ghandhu xi dritt li jerggha jigi mpjegat. L-Avviz Legali 420 tas-sena 2002 Artiklu 5 jipprovdi unikament illi min ikun fuq kuntratt definit ta' xoghol waqt ix-xoghol u jkun hemm post disponibbli ghal natura ta' xoghol permanenti fuq l-istess post tax-xoghol, l-istess impjegat ghandhu jinghata opportunita xierqa sabiex jahdem f'dan ix-xoghol. Din ic-cirkostanza ma tezistix fil-kaz odjern u ghalhekk it-talba tar-rikorrent ma tistghax tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Illi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jiddikjara illi lir-rikorrent ma giet kagunata l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tieghu u ghalhekk it-talbiet tieghu ma jistghux jintlaqaw.

Ai fini ta' tassazzjoni u drittijiet tal-konsulenti legali u/jew industrijali dawn jammontaw ghas-somma ta' hmistax il-lira (Lm15).

**Avv Joseph P. Bonnici**
Chairman